MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1158/2005

JACS International Limited
vs
Worldstar Intermediary Services Ltd. u b'digriet tal-4 ta' Mejju 2006 Dr. Vincent Galea u l-P.L. Liliana Buhagiar gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil Worldstar Intermediary Services Ltd.

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Illi matul is-sena elfejn u tlieta (2003) u elfejn u erbgha (2004) is-socjeta` attrici kienet irrendiet u kienet wettqet servizzi lis-socjeta` konvenuta konsistenti f'management tal-kumpanija, preparazzjoni ta' accounts u manutenzjoni ohra ta' l-affarijiet tas-socjeta` konvenuta fuq inkarigu taghha stess u dan kif ahjar deskritt fl-invoice annessa mac-citazzjoni u mmarkata Dok "JI 1";

Illi s-socjeta` konvenuta kienet ghaldaqstant debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont komplessiv ta’ tletta-il elf seba’ mija u erbgha u tletin lira Maltin (Lm13,734) rapprezentanti l-mizati, spejjez u taxxa VAT konnessi mas-servizzi rezi mis-socjeta` attrici skond kif kien jidher fl-invoice Dokument “JI 1”;

Illi minkejja interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammonti minnha dovuti, is-socjeta` konvenuta kienet baqghet inadempjenti;

Illi l-ammonti dovuti mis-socjeta` konvenuta kienu jikkonsistu f’dejn li kien cert, likwidu u li ghalaq;

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti biex in vista tad-dikjarazzjoni guramentata tad-direttur tas-socjeta` attrici annessa mac-citazzjoni u mmarkata Dok “JI 2” u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u provvediment li jidhrilha xierqa u opportuna:

1. Tilqa’ u tiddeciedi skond it-talbiet bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta’ l-artikoli 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din il-Qorti thallas is-somma ta’ tlettax-il elf seba’ mija u erbgha u tletin lira Maltin (Lm13,734) dovuti lis-socjeta` attrici skond kif premess;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi kontra s-socjeta` konvenuta bid-diretturi taghha li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew:

1. Illi l-fatti tal-kawza ma kienux maghrufa u li f'dan l-istadju ma kienx possibbli li tittiehed l-informazzjoni mehtiega sabiex it-talba ta' l-attur tigi kontestata. Illi ghalhekk l-istess kuraturi deputati kienu qeghdin jirriservaw id-dritt taghhom li jreessqu risposta ulterjuri hekk u meta huma jkunu edotti mill-fatti ta' dan il-kaz.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mill-kuraturi deputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-digriet tas-16 ta' Mejju, 2006 li bih Dr. Vincent Galea bhala kuratur ghas-socjeta` konvenuta gie awtorizzat jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Carlo Stivala ***qua*** direttur tas-socjeta` attrici.

Gie prezentat affidavit ta' Carlo Stivala li fih issemma li hu direttur tal-kumpanija li taghmel "***Corporate Management Consultancy Services***". Fl-2003 is-socjeta` attrici kienet giet imqabbda u inkarigata mill-***beneficial owner/shareholder*** tas-socjeta` konvenuta sabiex tifforma, tirregistra u taghmel xoghol ta' ***management*** tal-imsemmija kumpanija, inkluz li tipprepara l-***accounts*** relattivi, tipprepara dokumenti ohra tal-kumpanija u formoli u tipprezenta l-istess ir-registru tal-kumpaniji, xoghol iehor ta' ***compliance*** mal-ligi li tirregola l-kumpaniji, xoghol iehor ta' segretarja tal-kumpanija kif ukoll tagixxi ta' ***nominee*** ghall-***beneficial shareholder***. Dan l-inkarigu kien rega' gie mgedded ghall-2004. Hu sostna li kif jidher fl-***invoice*** is-socjeta` attrici fadlilha tithallas tax-xoghol li

ghamlet fl-2003 u fl-2004. Dan il-hlas jirrapprezenta mizati u onorarji. Qal li l-hlas globali li ghadu dovut lis-socjeta` attrici jammonta ghal Lm12,150 li flimkien na' Lm1,584 VAT kalkolat fuq is-servizzi ammontanti ghal Lm8,800, b'kollox it-total jamonta ghal (Lm13,734). Qal li ghalkemm interpellata diversi drabi biex thallas is-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx.

Xehed Carlo Stivala li qal li hu azzjonista f'Jacs International Ltd. u fi Profit Trust Services Limited. Profit Trust hija wkoll ***licence trust company which holds the shares in Worldstar***. Sostna li huma qatt ma rcevew xejn dwar dawn is-servizzi. Zied jghid li fil-kariga tieghu ta' direttur ta' Jacs International Limited ma kellu ebda kuntatt ma' Rene Hyllested hlief darba xi erba', hames snin ilu. Dan Hyllested kien direttur u mhux ***company shareholder***.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din il-kawza giet intavolata mis-socjeta` attrici stante li s-socjeta` attrici kienet imqabbda fuq inkariku tas-socjeta` konvenuta tirrendi diversi servizzi lis-socjeta` konvenuta. Is-socjeta` konvenuta sostniet li ghandha tithallas is-somma ta' tlettax il elf seba' mija u erbgha u tletin Lira Maltin (LM13,734) ghal servizzi, preparazzjoni ta' accounts, u manutenzjoni ohra tal-affarijiet tas-socjeta` konvenuta. Illi fin-nota tal-eccezzjonijiet, il-kuraturi deputati eccepew li huma mhumiex edotti mill-fatti , u li f'dan l-istadju ma kienx possibli li tittiehed l-informazzjoni mehtiega sabiex it-talba tal-attur tigi kontestata.

Irrizulta li d-Direttur tas-socjeta` Jacs International Ltd., Carlo Stivala qal li huwa kien inkarigat mis-socjeta` konvenuta sabiex jaghmel xoghol ta' management tal-kumpanija msemmija, kif ukoll preparazzjoni tal-accounts relattivi, kif ukoll xoghol ta' registrar tal-kumpaniji u xoghol iehor ta' "compliance" mal-ligi li tirregola l-kumpaniji u kif ukoll biex tagixxi ta' nominee ghall-"beneficial shareholder". Illi dan l-inkarigu nghata lis-socjeta` attrici fis-sena 2003 u 2004, u jirrizulta mill-invoice esebita a fol

5, il-hlas kollu li hu dovut lis-socjeta` Jacs International Limited.

Sussegwentement, il-kuraturi nominati f'din il-kawza, Dr. Vincent Galea, u l-P.L. Liliana Buhagiar esebew kopji tad-dokumentazzjoni relattiva ghal Worldstar Intermediary Services Limited, u talbu wkoll informazzjoni dwar is-socjeta` konvenuta lill-avukat difensur tas-socjeta` attrici. (a fol 36 sa 44). Illi rrizulta li Dr. Edward Debono u Dr. Tonio Fenech huma d-Diretturi u r-rapprezentanti ghall-kumpanija Profitrust Services Limited, li hija s-***shareholder*** ta' Worldstar Intermediary Services Limited. Illi wara li l-kuratur nominat f'din il-kawza baghat l-ittri lil dawn tal-ahhar, kif ukoll ittri lil Rene Hyllested fid-Danimarka, baqa' ma kiseb l-ebda informazzjoni dwar dan il-kaz. (a fol 45, a fol 48 u 49).

Intbaghtet ukoll korrispondenza lil Anthony Stivala u lil Carlo Stivala u lil Fenlex Enterprises Limited bhala ***shareholders*** tal-kumpanija Profitrust Services Limited, li in segwitu hija ***shareholder*** tal-kumpanija Worldstar Services Limited (a fol 50-52), izda ma giet ricevuta l-ebda risposta ghal din il-korrispondenza.

Fl-ahharnett, il-kuraturi nominati f'din il-kawza sabiex jirrapprezentaw lill-kumpanija Worldstar Intermediary Services Limited esebew ricevuti ta' ittri registrati li huma baghtu lil persuni li setghu tawhom xi informazzjoni, zewg ittri li huma baghtu izda gew ritornati lilhom, kif ukoll l-avviz tar-ricevuti (a fol 61 sa 63). Illi jirrizulta mill-ittri mibghuta mill-kuraturi li Carlo Stivala, bhala Direttur tas-socjeta` Jacs International Limited, kien qed jagixxi ta' Direttur u ta' Company Secretary fir-rigward tas-socjeta` Profitrust Services Limited li in segwitu kienet shareholder tas-socjeta` Worldstar Intermediary Services Limited. Din l-informazzjoni tirrizulta mir-registrar tal-kumpaniji.

Illi s-socjeta` attrici tippretendi li tithallas tas-servizzi rezi. Illi konsegwentement, ghar-ragunijiet fuq premessi, it-talba attrici ghandha tintlaqa'.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk, jidher li t-talba tas-socjeta` attrici hija gustifikata u m'hemm l-ebda lok ghaliex ma tigix milqugha, u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tlettax il-elf, seba' mija u erbgha u tletin Lira Maltin (LM13,734) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta fis-snin 2003 u 2004.

Spejjez kontra s-socjeta` konvenuta b'dan li provizorjament l-ispejjez tal-kuraturi jithallsu mis-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------